MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 12/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezren Grixti)**
**Vs**
**Christopher Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-fond "Chadwick Court" no. 3, tal-Palma, Imtarfa,
1. ghamel jew halla li jsir zvilupp billi qatta' l-blat, gie depozitat jew witta materjal inert, sar xoghol fuq land engineering relatat u twahhil ta' xatba w pilastri f'post maghruf bhala Xaghra tal-Vigarju limiti tar-Rabat minghajr permess ta' l-izvilupp bi ksur ta' l-artikolu 56 (1)(a) ta' l-att I ta' 1992 dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp, liema sit huwa skedat bhala sit ta' importanza ekologika, area specjali ta' konservazzjoni, sit ta' importanza xjentifika w ta' importanza internazzjonali ai termini tal-artikoli 46 ta' l-att I ta' l-1992 dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp skond l-avviz relattiv

ippublikat bhala Government Notice 400/96 datat 25 ta' Gunju, 1996, Government Notice 63/96, Avviz Legali 257/03 u Government Notice 223/05, li b'hekk gie ghalhekk li kisru wkoll l-istess artikolu 46 ta' l-att imsemmi, kif ukoll kisru l-artikolu 56(1)(b) ta' l-istess Att;

2. wara li l-istess Christopher Borg gie notifikat b'avviz biex jieqaf u ta' twettieq numru ECF 319/07 datat 19 t'April, 2007 mahrug taht artikolu 51 u 52 ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp u lilu notifikajt fl-20 t'April, 2007;

3. l-istess sit u cioe' gos-sit ghamel jew halla li jsir zvilupp minghajr permess ta' zvilupp minghajr permess ta' zvilupp konsistenti fi tqattieh ta' blat, depozitu w twittija ta' materjal inert, land engineering works relatati w twahhil ta' xatba bil-pilastri w dan kollu fi propjeta' skedata skond il-ligi;

4. l-istess Christopher Borg naqas li jhares ir-rekwizit ta' dak l-avviz u cioe' li jieqaf immedjatament milli jkompli b'tali xogholijiet ta' zvilupp illegali stante li bajjad fejn tqatta l-blat naturali b'tahlita ta' l-ilma w siment.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli tal-Ligi 46, 51, 52 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Avviz Legali 400/96, l-Avviz Legali 63/96, l-Avviz Legali 257/03 u l-Avviz Legali 223/05, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4000), stante li x-xghol estensiv li sar skond ir-ritratti w ordnat li ai termini tas-sub inciz 7 tal-artikolu 46 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant ihallas kumpens lil Awtorita' kalkolat fuq it-tezi ta' l-ghola minn fost dan li gej :

a. il-valur tal-haga distrutta;

b. l-ispejjez biex tigi restawrata jew imsewwija;

c. il-vantagg funzjonarju li jista' jittiehed bhala konsegwenza tad-demolizzjoni.

Ordnat, ghal dan il-ghan, sabiex jikkalkola l-kumpens dovut lil Awtorita' skond dan is-sub artikolu lil Perit Reuben Sciortino.

Ordnat ukoll li dan il-kumpens jithallas lil Awtorita' fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat l-appellant.
Finalment ordnat komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal kull interess li jista' jkollu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-appellant ghar-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, tikkonfermaha in kwantu ordnat il-hlas ta' multa ta' erbat elef Euro w talab riferenza lil Qrati ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali fuq il-lanjanza migjuba l-quddiem f'dana l-umli appell u b'mod alternattiv sabiex tirrevokaha in kwantu applikat fil-konfront tal-appellant id-dispozizzjonijiet tas-subinciz (7) tal-Artikolu 46 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-ewwel aggravju tal-appellant li jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi l-esponenti qieghed jilmenta li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi w dan limitatament ghar-rigward tal-importazzjoni tad-dettami tas-sub inciz (7) tal-artikolu 46 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi tenuti certa principji bazilari tad-dritt penali l-piena ghandha tkun wahda certa li ma thalli l-ebda dubju ghall-akkuzat xi tkun.

Ghal aktar kjarezza s-subinciz li ghalih qed issir riferenza, qieghed jigi riportat verbatim :
(7) Jekk proprjeta' skedata tigi demolita bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li tinstab hatja ta' dak ir-reat ikollha l-obbligu, b'zieda ghal kull penali jew effett iehor taht dan l-Att, li thallas kumpens lill-Awtorita' kalkulata fuq il-bazi ta' l-oghla minn fost li gej :
(a) il-valur tal-haga distrutta;
(b) l-ispejjez biex tigi restawrata jew imsewwija;

(c) il-vantagg finanzjarju li jista' jittiehed bhala konsegwenza tad-demolizzjoni.
Fl-ewwel lok is-subinciz (7) supra riportat huwa artikolu tal-ligi li fl-umli fehemha tal-esponenti jikser id-dispozizzjonijiet relattivi kemm tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, stante li fil-kamp tal-ligi penali, mhux biss il-ligi penali li tahtha individwu jigi akkuzat trid tkun lil hinn minn kull "uncertainty", izda aktar u aktar il-piena prospettata trid tkun cara w determinata. Il-fatt wahdu li s-subartikolu supra riportat jaghti lok ghal tlett sitwazzjonijiet, diga' juri l-incertezza tal-piena applikabbli fil-konfront ta' min jigi dikjarat li kiser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu' tenut kont tal-fatt li kull konsiderazzjoni fit-tlett opzjonijiet imsemmija ma taghti l-ebda parametru u/jew konsiderazzjonijiet li a bazi taghhom tali stimi jistghu jigu kkalkulati, aktar u aktar jkabbru l-istat ta' incertezza ta' din il-ligi ta' natura penali. Dan l-istat ta' fatt, fl-umli fehma tal-appellant, jpoggu lil gudikant togat, anke jekk ghal dan il-ghan jkun hemm il-hatra ta' periti skond l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, fl-impossibilita' li jiddeciedi liema valur huwa l-oghla. Di piu' l-perit mahtur mill-Qorti qed taghti opinjoni li ma tista' tkun bl-ebda mod sindakabbli, stante li qed tinghata wara l-ghoti tal-gudizzju. Dan meta hu principju ben stabbilit fil-kamp penali illi opinjoni ta' perit tista' ma tigix accettata jekk tmur kontra l-perswazzjoni tal-gudikant. Mhux hekk biss, izda l-esponent ma nghata l-ebda opportunita' li jkun jista' jikkontestha. Illi ghalhekk l-artikolu li minnu qieghed jigi nterpost dana l-aggravju ma jiggarantixxi xejn l-applikazzjoni ta' piena cara w tonda, izda jpoggi lill-appellant fi stat ta' incertezza li minkejja li hemm sejbien ta' htija fil-konfront tieghu, huwa effettivament ma jafx x'inhi l-piena li giet imposta fuqu, ghajr ghal hlas tal-multa ta' erbat elef Euro w il-hlas ta' ghola valur skond ma jiccertifika perit. Huwa ghalhekk li l-esponenti fuq din il-bazi qieghed bir-rispett jitlob referenza Kostituzzjonali lil Qrati kompetenti sabiex jiddetermina tali lanjanza.

Rat il-verbal tal-lum li bih, il-prosekuzzjoni w id-difiza jaqblu li f'dan il-kaz is-sentenza appellata ghandha tigi

annullata w l-atti jergghu jintbghatu lura quddiem l-Ewwel Qorti, biex wara li jsiru l-provi dwar il-valur tal-oggett distrutt jew l-ispejjez mehtiega ghar-riparazzjoni jew inkella biex jigi likwidat il-vantagg finanzjarju dwar l-izvilupp, terga tinghata sentenza kemm dwar il-mertu kif ukoll dwar il-piena occorrendo wkoll ghall-kundanna kontemplata fl-imsemmi subinciz (7) tal-artikolu 46 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat

Illi bil-mod kif giet abbozzata w redatta s-sentenza appellata, l-kundanna skond l-artikolu 46(7) thalliet indefinita w suggetta ghal likwidazzjoni tal-perit nominat mill-Ewwel Qorti Reuben Sciortino.

B’dan il-mod, element kostituttiv tal-piena ma giex inkorporat fis-sentenza appellata imma se jithalla jiddependi minn likwidazzjoni peritali li mhux ser tkun soggetta ghall-kontroll la tal-prosekuzzjoni w lanqas tad-difiza.

Illi kif qablu l-partijiet, kjarament dana mhux il-mod kif trid tinghata sentenza la fil-kamp penali w lanqas fil-kamp civili ghaliex it-termini tal-kundanna jridu jkunu cari w definiti.

Illi dan id-difett fis-sentenza appellata huwa difett ta’ natura sostanzjali li fil-fehma ta’ din il-Qorti jaghti lok ghall-annullament tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-ewwel aggravju tal-appellant fejn talab referenza Kostituzzjonali bil-mod infraskritt u cioe’ peress li hemm rimedju ordinarju ghal dak li l-appellant qed isejjah incertezza legali, l-Qorti tara li dan ir-rimedju jista’ jinkiseb proprju bil-mod kif qablu l-partijiet fis-seduta tal-lum u ghalhekk ma jkunx hemm il-kaz li ssir referenza Kostituzzjonali kif mitlub mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti

biex, u occorrendo, prevja li jigu likwidati l-valuri msemmija taht xi wahda mit-tlett ipotezijiet kontemplati fl-artikolu 46(7) tal-Att dwar l-Izvilupp u Ippjanar (Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta) minn periti nominandi, liema likwidazzjoni tkun soggetta ghall-kontroll tal-partijiet b'kull mezz li taghti l-Ligi, tinkorpora, jekk ikun il-kaz, tali likwidazzjoni fis-sentenza eventwali li tigi moghtija mill-Ewwel Qorti kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------